28 ta' Mejju, 1955

Imħallef:

Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Vincent Camilleri

**Karrozza — Assikurazzjoni — Riskji ta' Terzi Persuni — Liċenza tas-Sewqan**

*Meta vettura tal-mutur tiġi misjuqa minn persuna li ma għandhiex liċenza tas-sewqan, il-"cover" tal-karrozza jintilef, u l-karrozza tiġi li kienet misjuqa bla ma kienet koperta minn "third party risks policy".*

*F'din il-materja ta' sigurtà, wieħed għandu jitqies li "jippermetti" li l-vettura tiegħu tiġi misjuqa minn ħadd ieħor anki meta ma jieħux passi adegwati biex jimpedixxi li tiġi hekk misjuqa, anki meta sempliċement "jagħlaq għajnejh".*

Il-Qorti;

Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, li biha Camilleri ġie mputat illi Ħaż-Żabbar, matul ix-xahar ta' Jannar u l-ewwel granet ta' Frar 1955, ippermetta lill-ibnu Philip Camilleri isuq ix-char-a-banc numru 4757 mingħajr ma dan kellu liċenza speċjali tas-sewqan mill-Pulizija u mingħajr il-polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji ta' terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza nru. 36 tal-1939;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni li l-imputat jiġi skwalifikat li jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għall-perijo-

du ta' tnax il-xahar, skond l-art. 3(2) tal-Ordinanza nru. 36 tal-1939;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Marzu 1955, li biha sabitu ħati u kkundannatu £5 multa u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni liċenzi tas-sewqan għal żmien tnax il-xahar, talli ppermetta lill-ibnu jsuq bla "Third Party Policy";

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi jidher li l-imputat ippermetta lill-ibnu Philip Camilleri li jsuq ix-char-a-banc imsemmi fiċ-ċitazzjoni bla ma dan ibnu kellu liċenza speċjali tas-sewqan. B'daqshekk jiġi li x-char-a-banc ġiet misjuqa bla ma kienet "covered" bit-"third party risks policy" preskritta mill-liġi, għax il-"cover" jintilef meta jsuq bniedem mhux liċenzjat;

Skond l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qrati Ingliżi tal-kelma "permits" f'din il-materja ta' sigurtà "permission may be merely inferred", u ukoll "may mean no more than a failure to take adequate steps to prevent" (ara Wilkinson — Road Traffic Prosecutions, 1953 edition, p. 7);

Apparti x-xhieda tal-miżżewġin Diacono, li l-Qorti ma ssibx raġuni li tiddubita minnha, jittrapela tajjeb mix-xhieda tal-istess imputat li hu stess ra lill-ibnu nieżel minn fuq li-"steering wheel". Minbarra hekk, l-appellant ġie li telaq il-karrozza f'ċertu post (fejn ma setgħax iħalliha), u mbagħad din il-karrozza kienet tkun fil-post fejn kellha tkun — xi 130 jew 140 jarda bogħod; u ċ-ċirkustanzi, noti għall-appellant, kienu juru li kien sadattant saqha sa dan il-pont l-ieħor ibnu Philip;

Il-Qorti hi soddisfatta li l-appellant kien qiegħed jagħmilha ta' bir-ruħu li ma jafx; iżda kien jaf, u kien qed jagħlaq għajnejh għal ta' l-apposta;

Ma hemmx "special reasons" skond il-liġi għall-mitigazzjoni tal-piena fis-sens ta' riduzzjoni tal-perijodu tas-sospensjoni tal-liċenza. Kien hemm każ fl-Ingilterra — Reay v Young, 1949, All E.R. 1102, 113 J.P., 336 — fejn

ġiet kunsidrata anki ċ-ċirkustanza li s-sewqan irregolari kien għal distanza żgħira, 150 jarda; imma f'dak il-każ kienu jikkonkorru żewġ ċirkustanzi oħra li huma għal kollox nieqsa, f'dan il-każ; cioè id-driver, regolarment liċenzjat, baqa' fuq il-"front seat" ħdejn martu meta ta li "steering wheel" f'idejha u s-sewqan sar fuq "moorland road" deżerta, u kienet okkażjoni ta' darba. F'dan il-każ ġara aktar minn darba, iben l-appellant saq waħdu, u s-sewqan sar fl-abitat Ħaż-Żabbar;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu tas-sospensjoni jibda jgħodd minn nhar it-Tnejn, 30 ta' Mejju 1955. Żmien għall-ħlas tal-multa għaxart ijiem mil-lum.